# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1185/2015 JVC**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Carmen German** (ID 682440(M))

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' rikors ipprezentat fit-8 ta' Marzu 2011 minn Kevin Caruana (ID 360955(M), Antonia Caruana (ID 293358(M) u Vincent u Catherine konjugi Camilleri (ID 244869(M) u 553148(M) rispettivament kontra Carmen u Ronald konjugi German (ID 295935(M) u 682440(M) rispettivament (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok 1), l-istess Kevin Caruana et talbu lil din l-Onorabbli Qorti, fost affarijiet ohra, sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-esponenti sabiex jipprocedi kontra l-intimati ghal disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti;

2. Illi fir-rikors sudett, l-istess Kevin Caruana et ippremettew:

   (a) Illi in ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Kevin Caruana et vs Carmen German et deciza fil-11 ta' Jannar 2005, huma kien ottjenew il-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni numru 2028/08 kontra l-intimati sabiex jigu deskritti l-oggetti mobbli li hemm fil-fond Heliopolis, Flat 11, 313, Triq San Pawl il-Bahar, St. Paul's Bay, liema oggetti kienu gew maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid numru 908/05 u li kellhom jibqghu fil-post fejn gew deskritti;

   (b) Illi l-konjugi German biddlu r-residenza taghhom u l-oggetti deskritti ittiehdu mill-post mill-istess German bi ksur tal-ordni tal-Qorti;

3. Illi permezz ta' decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 2028/08 fl-ismijiet Kevin Caruana et vs Carmen German et (Rik Nru 729/13 LM) datata 30 ta' Novembru 2015 (hawn annessa bhala Dok 2) din l-Onorabbli Qorti, wara li rat l-atti kollha tar-rikors u d-

dokumenti li gew esebiti mill-kontendenti u wara li semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz, iddecidiet billi ddikjarat illi l-intimata Carmen German kisret l-ordnijet tal-Qorti billi nehhiet l-oggetti deskritti mill-fond fejn kienu nstabu mill-marixxall u gew deskritti, ordnat lill-intimata sabiex fi zmien gimgha tipproduci l-oggetti kollha deskritti u mhux elevati taht penali ta' Eur100 kulljum ta' dewmien u ordnat lill-esponenti sabiex jipprocedi b'kawza kontra l-intimata Carmen German ghal disprezz imwettaq minnha lejn l-awtorita taghha b'mod spedituz kemm jista jkun;

4. Illi ghalhekk in adempiment ma' dik l-ordni qed isir dan ir-rikors guramentat;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, tghid l-intimata ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:

1. Issib lill-intimata hatja ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha *ai termini* tal-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimata ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannaha ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimata *ai termini* tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimata;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi'.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Carmen German li eccepiet kif isegwi:

1. 'Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-esponenti kienet tghix fil-fond Heliopolis, Flat 11, 313, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar liema fond hija kienet tikri minn terzi. Illi effettivament meta spiccat il-kirja in kwistjoni l-esponenti kienet kostretta illi tbiddel ir-residenza taghha u marret tghid fil-fond gdid gewwa Attard.

3. Illi l-esponenti kienet hadet maghha l-oggetti mertu tal-mandat ta' deskrizzjoni gewwa l-fond ta' Attard u b'dan l-oggetti baqghu taht il-kustodja taghha, tant li meta gew elevate l-oggetti in segwitu ghall-mandat ta' qbid fuq l-oggetti in kwistjoni numru 908/05, l-oggetti deskritti kienu instabu kollha fil-fond residenza ta' l-esponenti.

4. Illi l-esponenti kienet tkun hatja ta' disprezz lejn l-Onorabbli Qorti jekk effetivament hija kienet thalli l-oggetti deskritti fil-mandat ta' deskrizzjoni fil-fond Heliopolis, Flat 11, 313, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar ghaliex dawn kienu jintilfu irrimedjabilment bi pregudizzju lejn il-kreditur. Illi l-esponenti dejjem zammet l-oggetti deskritti taht il-kustodja taghha u kienet kostretta illi tbiddel ir-residenza taghha ergo tbiddel il-lok li fih jinsabu l-oggetti.

5. Illi għalhekk m'hemmx lok li jiġi dikjarat li l-intimata kissret l-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti u li għalhekk l-esponenti tinstab ħatja ta' disprezz.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri'

Rat ix-xiehda, sentenza, kontro-ezamijiet u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi permezz tad-digriet tas-17 ta' Novembru, 2016 a fol. 37 tal-process fuq talba tad-difensur tar-rikorrenti l-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni 2028/2008 u tal-atti tar-rikors 729/2013/LM fl-atti tal-istess mandat, salv id-dritt tal-intimata li taghmel kontro-ezami tax-xiehda f'dawk l-atti u rat l-istess atti hekk allegati;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Jannar, 2017 saret l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 908/2005 u rat l-istess atti hekk allegati;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet liema trattazzjoni giet ukoll traskritta;

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Marzu, 2020 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghallum;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti fil-Qosor:**

Illli jirrizluta li l-kwistjoni kollha bdiet bil-prezentata ta' mandat ta' qbid numru 980/05 fl-ismijiet Kevin Caruana et. vs Carmen German et intavolat nhar l-10 ta' Gunju, 2005. Dan il-mandat ta' qbid numru 980/05 kien gie esegwit fis-27 ta' Mejju, 2008 gewwa l-fond Heliopolis, Flat 11, 313 fi Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar. Dakinhar kien jghix mal-intimati, l-Monsinjur Joseph Dalmas, li jigi hu l-intimata Carmen German u fil-presenza tal-marixxal Monsinjur Dalmas kien ghamel dikjarazzjoni li l-oggetti misjuba fl-imsemmi fond kienu proprjeta' tieghu (ara dikjarazzjoni esebita fl-atti tal-mandat 980/05 liema atti mhumiex enumerati). Il-Monsinjur Joseph Dalmas kien gie wkoll mahtur sabiex jagixxi bhala kunsinnatarju tal-oggetti maqbuda u sussegwentement kien gie sostitwit bil-kunsinnatarju Ludwig Bonnici (ara affidavit ta' Ludwig Bonnici a fol. 102 *et seq* tal-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni 729/2013LM). Jirrizulta li bi qbil bejn il-partijiet l-oggetti maqbuda kienu thallew fil-fond indikat f'San Pawl il-Bahar u dan bl-ordnijiet soliti tal-Qorti lill-marixxal ezekutant sabiex jordna lill-intimati sabiex ikomplu jzommu il-hwejjeg mobbli hekk deskritti u li jigu avzati li huma responsabbli ghall-irfiegh sewwa taghhom, taht il-pieni li tistipula l-ligi ghal min jonqos li jaghmel dan.

Illi wara rikors intavolat minn Kevin Caruana et fl-atti tal-mandat fejn talbu lill-Qorti kif diversament preseduta sabiex il-marixxal jaccedi fil-fond f'San Pawl il-Bahar sabiex jigi kkonfermat jekk l-oggetti kienux ghadhom fil-fond, fl-access maghmul mill-marixxal Carmen Pisani (ara deposizzjoni ta' Carmen Pisani a fol. 99 u fol. 100 tal-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni 729/2013LM) irrizulta li l-oggetti mobbli kollha ma kinux ghadhom jinsabu fil-fond Heliopolis, Flat 11, 313 fi Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar

dana stante li Carmen German et kienu biddlu r-residenza taghhom.

Illi b'kumbinazzjoni l-kunsinnatarju Ludwig Bonnici kien gie a konoxxenza li Carmen German et. kienu marru jirrisjedu gewwa Citrus, Numru 3, Razzett Complex, Triq il-Mithna, H'Attard u kien ghalhekk li l-kunsinnatarju Ludwig Bonnici talab lill-Qorti kif diversament preseduta permezz ta' rikors b'urgenza tat-28 ta' April, 2011 sabiex jeleva l-oggetti kollha deskritti fil-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 2028/08. Permezz ta' digriet tad-29 ta' April, 2011 l-Qorti kif diversament preseduta kienet laqghet it-talba sabiex jigu elevati l-oggetti u dan fl-interess tal-gustizzja. Minhabba li ma kellhomx l-ingenji necessarji sabiex inizzlu certu oggetti kbar, gie deciz li jithallew fl-appartament ta' H'Attard xi oggetti kbar fosthom sufan, pjanu u xi oggetti ohra.

Isegwi li l-intimata Carmen German regghet biddlet ir-residenza taghha minn dik ta' H'Attard ghal wahda gewwa n-Naxxar u dan l-intimata ghamlitu ghal darba ohra minghajr ma avzat lil hadd inkluz lill-Qorti. L-intimata hadet maghha l-oggetti li ma kinux gew elevati precedentament. Il-krendituri Kevin Caruana et indunaw b'dan meta marru sabiex jigbru l-oggetti rimanenti li ma kienux gew elevati precedentament. Sussegwentement l-intimata Carmen German kienet regghet biddlet ir-residenza taghha ghal wahda gewwa Ghawdex fl-indirizz ta' Bellavista, Triq Srug, Xaghra, Ghawdex.

Illi permezz ta' rikors intavolat fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 2028/2008 fl-ismijiet Kevin Caruana et. vs Carmen German et, l-atturi Kevin Caruana et. kienu talbu lill-Qorti kif diversament preseduta sabiex jigi ddikjarat li l-intimati Carmen German et kisru l-ordnijiet tal-Qorti billi nehhew l-oggetti deskritti mill-fond

fejn kienu nstabu u gew deskritti mill-marixxal u dan kontra l-ordni espressa tal-Qorti bl-intiza li jevadu l-effetti tal-mandat u tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, u tordna lill-intimati Carmen German et sabiex f'terminu qasir u perentorju li dik il-Qorti joghgobha tiffissa zmien sabiex jipproducu l-oggetti kollha deskritti taht penali jew sanzjoni li l-Qorti joghgobha tiffissa. Finalment talbu lill-Qorti sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jipprocedi b'kawza kontra l-intimati Carmen German et ghad-disprezz imwettaq minnhom lejn l-awtorita' taghha u li tali proceduri jinbdew u jitmexxew b'urgenza (ara kopja tar-rikors a fol. 5 u fol. 6 tal-process odjern).

Permezz ta' digriet tat-30 ta' Novembru, 2015 il-Qorti kif diversament preseduta laqghet dawn it-talbiet u kien ghalhekk li d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati u Tribunali proceda bil-kawza odjerna.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali:</u>**

Illi din hija kawza ghall-kundanna konsegwenza ta' allegat disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kif dispost fl-Artikolu 1003A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-kaz prezenti Kevin Caruana et. ottjenew il-hrug ta' mandat ta' qbid bin-numru 980/05 u sussegwentement il-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni numru 2028/08 it-tnejn fl-ismijiet Kevin Caruana et vs. Carmen German et fejn permezz taghhom kienu gew maqbuda u sussegwentement deskritti l-oggetti kollha li kienu jinsabu fil-fond Heliopolis, Flat 11, 313 fi Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-bahar. Jirrizulta li meta l-mandati msemmija kienu ghadhom in vigore u l-oggetti kollha kienu ghadhom ma gewx elevati, Carmen German et biddlu r-residenza taghhom minghajr awtorizzazzjoni (tant li ma gie avzat hadd la l-Qorti u

wisq anqas il-kunssinnatarju) minn dik f'San Pawl il-Bahar ghal wahda f'H'Attard u dan bi ksur tal-ordni tal-Qorti. Jirrizulta mill-atti illi l-kredituri saru jafu fejn hi r-residenza l-gdida tal-intimati mhux ghax gew infurmati minnhom izda b'kumbinazzjoni stante li l-kunsinnatarju Ludwig Bonnici kien qed jaghmel xi xoghol fl-inhawi u sar jaf din l-informazzjoni.

Illi dwar il-procedura ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti jinghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali -vs- Mario Caruana et** deciza nhar l-20 ta' April, 2007 illi:

> 'Il-procedura ta' disprezz hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti. Wahda mis-setghat ewlenin ta` kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta` kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita`, li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Lord Denning fil-kawza "In re Bramblevale Ltd (1970)", "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempt's of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt" (sottolinear ta` din il-Qorti)'.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza deciza nhar it-28 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet **Avukat Irene Bonello -vs- L-Onorevoli Prim Ministru et** fejn inghad illi:

> 'L-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u huwa mahsub biex jassigura l-bwon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-proceduri. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq

> min jazzarda jonqos mir-rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti.'

Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati Superjuri -vs- Salvu Bellotti et** deciza nhar l-10 ta' Dicembru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi:

> 'Jiehtieg li kulhadd jifhem li biex jinzamm il-bwon ordini fis-socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Ordni tal-Qorti ghandu jkun obdut u se mai ghandu jkun jkun kontestat fi proceduri ad hoc; izda certament tali ordni ma tistax tigi injorata.'

Illi fl-eccezzjonijiet taghha l-intimata Carmen German bazikament targumenta illi hija caqalqet l-oggetti peress li t-terminu ta' kera tal-fond f'San Pawl il-Bahar kien skada u ghalhekk hija kellha tmur tghix go fond iehor. Targumenta li l-oggetti mertu tal-mandat instabu kollha taht il-kustodja taghha u ghalhekk ma kienx hemm lok li tinstab htija ta' disprezz. Tishaq li kien ikun hemm disprezz lejn l-awtorita' taghha li kieku l-oggetti thallew fil-fond Heliopolis, Flat 11, 313, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar.

Illi dwar l-iskop tal-mandat ta' deskrizzjoni jitkellem l-Artikolu 839 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) filwaqt li l-Artikolu 841 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jitkellem dwar ir-responsabbilita' ta' min ikollu f'idejh il-hwejjeg deskritti fil-mandat imsemmi. Din il-Qorti sejra tikkwota dawn iz-zewg artikolu ghal ahjar intendiment li jaqraw kif isegwi:

> '839.Il-mandat ta' deskrizzjoni jista' jinħareġ biex iqiegħed fiż-żgur jedd fuq ħwejjeġ mobbli, li, sabiex dak il-jedd jista'

jiġi eżerċitat, ir-rikorrent ikollu interess li dawk il-ħwejjeġ mobbli jibqgħu fil-lok u fl-istat li fih ikunu jinsabu.'

'841.Il-ħwejjeġ hekk deskritti jibqgħu f'idejn il-persuna li jkunu jinsabu għandha, u dik il-persuna hija responsabbli ta' irfigħ sewwa tagħhom, u għal dan l-effett issirilha twissija espressa fil-mandat.'

Illi d-dicitura ta' dawn iz-zewg artikoli huwa car u ma jaghti lok ghal ebda tip ta' interpretazzjoni. Filwaqt li l-Artikolu 839 tal-Kapitolu 12 jaghmilha cara li l-hwejjeg mobbli ghandhom '…jibqghu fil-lok u fl-istat li fih ikunu jinstabu.', l-Artikolu 841 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li l-persuna hija responsabbli ghal '…irfigh sewwa taghhom…'.

Illi dwar il-kwistjoni li l-oggetti kienu gew trasferiti mill-fond Heliopolis, Flat 11, 313, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar ghall-fond Citrus, Numru 3, Razzett Complex, Triq il-Mithna, H'Attard apparti l-atturi nfushom xehdu bosta nies ta' rilevanza fosthom d-deposizzjoni tal-marixxal Louis Muscat li taha d-deposizzjoni tieghu fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Jannar, 2015 u li kien mar jeffettwa l-mandat fil-fond f'San Pawl il-Bahar (ara deposizzjoni a fol. 108 *et seq* tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 2028/08) u wkoll il-marixxal Carmen Psaila li kienet tat id-deposizzjoni taghha fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Jannar, 2015 li kienet marret fil-fond f'H'Attard (ara deposizzjoni a fol. 99 *et seq* tal-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 2028/08).

Illi l-marixxal Louis Muscat xehed li kien hemm problema sabiex tinsab il-konvenuta. Hekk qal:

'Avukat: Inti semmejt li s-sinjura kienet immuvjat

Xhud: Iva

Avukat: Minn fejn ghal fejn?

Xhud: Mir-Rabat niftakar, imbaghad mort xi postijiet ohra, minghalija l-Iklin, jew mort xi postijiet ohra, ma sibtiex hemmhekk fl-ahhar sabu li qed toqghod ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar.

Avukat: Jigifieri inti ghamilt diversi attentati, kien hemm diversi attentati biex issibu lil dawn il-persuni?

Xhud: Ehe mela kien hemm

…

Avukat: U kien hemm, tiftakar jekk kienx hemm qbil bejn il-partijiet illi l-oggetti jibqghu fil-post?

Xhud: Ija jien minghalija kien sar, mhux mija fil-mija qed nithaddtu fuq sitt snin, seba' snin ilu, ix-Xemxija kien sar, kont wasalt biex nghabbi u gejjin it-trakkijiet u minghalija kienu waslu ghal xi ftehim bejniethom. Mhux mija fil-mija ta, irrivajtx parti minnhom.'

Illi da parti taghha l-marixxal Carmen Pisani kienet xehdet fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni 729/2013 (a fol. 99 *et seq* tal-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni) kif isegwi:

'Xhud: Jekk jidhirli sew Dott, dik kien hadimha kollega tieghi Louis Muscat li llum il-gurnata huwa rtirat mill-Qorti imma mbghad niftakar kien bghatli l-PL Edgar Montanaro

b'zieda biex immur San Pawl il-Bahar biex nara jekk ghadhomx hemm l-oggetti, pero' meta mort hemmhekk hi kienet iccaqalqet min hemmhekk, kienet immuvjat u qatt ma kont rajthom dawn l-oggetti.

Dr Sharon Pace Gouder: Jigifieri meta inti kont mort fuq il-post tas-Sinjuri German ma sibthomx hemmhekk?

Xhud: Huma kienu mmuvjaw, mhux l-oggetti, il-persuni kienu mmuvjaw, qatt ma rajtha lil Mrs German fuq dak l-indirizz ghax imbghad kont dhalt fuq mandat iehor Triq il-Mithna, Attard, dik hdimt qbid ta' mandat iehor taghha imma fuq din id-deskrizzjoni xejn ghax kont mort u kienet immuvjat, qatt ma sibtha f'dik l-indirizz fejn kienu bghatuni.

…

Xhud: Pero' dak fuq indirizz iehor, imma fuq din id-deskrizzjoni kien bghatni l-PL ghax kien ghadda z-zmien biex nara jekk ghadhomx jezistu fil-flat dawn l-oggetti. Meta mort f'dan l-indirizz hi kienet immuvjat.'

Illi l-konvenuta nfisha Carmen German waqt id-deposizzjoni taghha moghtija nhar l-24 ta' April, 2015 a fol. 126 *et seq* tal-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni 729/2013 ikkonfermat li hija ma nfurmat lil hadd meta ccaqalqet minn fond ghal iehor:

'Avukat: Inti taqbel illi meta inti mort minn post ghall-iehor u hadt l-affarijiet kollha li kienu deskritti u ma nfurmajt lil hadd, lanqas lill-Qorti?

Xhud: Ma jidhirlix li kelli ninforma jiena lil xi hadd

Avukat: Iva filfatt kellek

Xhud: Heq ma nafx

Avukat: U inti ccaqlaqt tlett darbiet hux hekk?

Xhud: Iva

Avukat: Tikkonferma wkoll li lanqas lill-atturi, lis-Sur Kevin Caruana u Vincent Camilleri, ma nfurmajthom li kont ha ticcaqlaq u ha tiehu l-oggetti mieghek?

Xhud: Lil min?

Avukat: U lanqas lill-marixxall tal-Qorti li tak l-istruzzjonijiet li l-affarijiet kellhom jibqghu fil-post?

Xhud: Ma nafx li kelli ninfurmahom jiena. Dawn haduli affarijiet illi mhux suppost haduhom ta …'

Illi di piu' fil-kawza odjerna fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Mejju, 2018 l-konvenuta ammettiet illi whud mill-oggetti maqbuda bil-mandati ma kienux fil-pussess taghha. Hekk xehdet illi:

'***Dr Daniel Buttigieg :***
Meta kont mort toqghod H'Attard, l-affarijiet li kellek fil-fond Heliopolis x'ghamilt bihom?

***Xhud :***
Hadthom H' Attard

…

*Dr Daniel Buttigieg :*
Heliopolis kienu gew il-marixxalli u hadu xi affarijiet ghedtilna.

*Xhud :*
Iva.

*Dr Daniel Buttigieg :*
U li kellhom jiehdu hadu kollox? X' hadu maghhom?

*Xhud :*
Le ma hadux kollox kienu. Imbaghad li kien fadal hadthom H' Attard u gew H'Attard u hadu kollox minn H' Attard.

*Dr Daniel Buttigieg :*
X' kien hemm nieqes? Huma qed jghidu li sabu l-affarijiet nieqsin, x' tista' tghidilna fuq dan?

*Xhud :*
Iva kien ghad fadal mejda u sideboard.

*Dr Daniel Buttigieg :*
U dawn fejn kienu?

*Xhud :*
Kienu Hal Qormi.

*Dr Daniel Buttigieg :*
Imma dawn il-marixxalli meta kienu gew jigifieri ghal xiex hallewhom hemm?

*Il-Qorti :*
Stenna; Hal Qormi x'jigifieri?

*Xhud :*
Ghax minn H'Attard konna morna Hal Qormi. H' Attard kelli kera gholja hafna.'

Illi mill-atti kollha u in vista ta' dak suespost, din il-Qorti tqis li r-Registratur rikorrent irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-pretensjoni tieghu li l-intimata Carmen German agixxiet b'disprezz tal-ordni tal-Qorti meta malgrad li gie ordnat lilha sabiex l-oggetti jibqghu fil-lok u fl-istat li fih jinstabu permezz tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 2028/08 fl-ismijiet Kevin Caruana et -vs- Carmen German et, hija ghazlet li tinjora dik l-ordni u mexxiet l-oggetti minn post ghal iehor minghajr ebda avviz, iddisponiet minnhom kif trid u joghgobha u dan bl-intenzjoni cara minghajr ebda dubju li tevadi l-ezekuzzjoni tal-mandat. Illi semplicement daqqa t'ghajn lejn meta gie ntavolat l-mandat u kif evolvew l-affarijiet tul is-snin jigi nnutat li kien hemm hafna tkaxkir ta' saqajn da parti tal-intimata tant li l-mandat li huwa maghruf ghal ispeditezza tieghu twal inutilment ghal numru ta' snin. Din il-Qorti tqis li fic-cirkustanzi ghandha timponi l-massimu tal-piena fis-sens tal-multa ai termini tal-Artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din tirrifletti l-gravita' tal-atti tal-istess intimata Carmen German fil-konfront tal-Qorti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Issib lill-intimata hatja ta' disprezz kontra l-awtorita' tal-Qorti ai termini tal-artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimata ghall-massimu tal-multa fis-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

3. Stante li bir-reat kommess ma jirrizultax mill-atti li saret xi haga li kkawzat dizordni jew inkonvenjent, din il-Qorti ma tarax li hemm lok li jigi ordnat rimedju taht il-kappa tal-Artikolu 997 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**25 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Gunju, 2020**